MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2006

Appell Civili Numru. 286/1993/2

**Carmela *sive* Carrie MICALLEF**

**vs**

**Alfred MANGION**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-12 ta’ Mejju, 2005, li bih Alfred Manġionippremetta li b’citazzjoni mressqa mill-intimata ritrattata f’Marzu tal-1993 intalbet id-dikjarazzjoni li l-ghalqa fil-limiti ta’ Hal-Tarxien fil-kontrada tal-Fgura maghrufa bhala “Il-Bajjada” sive “Tal-Wied” kienet gid taghha ma’ ohrajn u li hu kien qieghed izomm l-istess ghalqa bla jedd jew titolu u ghalhekk kellu jigi kundannat biex johrog mill-istess ghalqa fiz-zmien li taghtih il-Qorti; li hu kien eccepixxa in-nuqqas ta’ integrita` tal-gudizzju u li s-sentenza imsemmija mill-attrici u li fuqha kienet bniet il-kawza taghha ma kenitx taghmel stat fil-konfront tieghu; u illi b’sentenza moghtija fit-22 ta’ Marzu 1994 u ohra moghtija fl-14 ta’ Dicembru 2001 il-Prim’Awla tal-Qorti Civili cahdet l-eccezzjonijiet tieghu u laqghet it-talbiet tal-attrici ritrattata; li huwa kien ressaq appell mill-imsemmija sentenza liema appell b’sentenza moghtija fil-25 ta’ Frar 2005 cahdet l-appell tieghu u kkonfermat is-sentenza ta’ l-ewwel grad;

Talab illi ssir ir-ritrattazzjoni ta’ l-imsemmija kawza ghar-ragunijiet minnu msemmija u dan billi:-

(1) thassar, tannulla u tirrexxindi sentenza taghha fl-ismijiet *Carmela sive vs Alfred Mangion* tal-25 ta’ Frar 2005 fejn din cahdet l-appell ta’ l-esponent u kkonfermat is-sentenza ta’ l-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta’ Dicembru 2001; u konsegwentement

(2) tordna li tigi ritrattata l-istess kawza, ai termini ta’ l-Artikolu 811 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, taht dawk id-direttivi u provvedimenti kolha li jidhrulha opportuni.

Rat ir-Risposta mressqa minn Carmela *sive* Carrie Micallef fil-31 ta’ Mejju, 2005, li biha eċċepiet;

“illi fl-ewwel lok ir-rikorrent ghandu jaghmel d-depositu ghall-ispejjez mehtieg skond il-ligi u in difett l-appell ghandu jigi dikjarat desert;

illi fit-tieni lok l-istess ritrattazzjoni hija rritwali billi tattakka hwejjeg li fi kwalsiasi kaz ghaddew in gudikat bis-

sentenza fil-kawza fl-ismijiet ‘Alfred Mangion v. Carmela sive Carie Micallef’ (citaz. Nru. 272/1993) moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fil-25 ta’ Frar 2005, u li ma giet bl-ebda mod attakkata bil-prezenti ritrattazzjoni; ghalhekk jekk ghall-grazzja ta’ l-arugment is-sentenza li r-rikorrent qieghed jittenta jirritratta kellha tigi ritrattata jkun josta l-gudikat fil-kawza l-ohra li ma giet bl-ebda mod attakkata mill-istess rikorrent;

illi fil-meritu r-ragunijiet ta’ ritrattazzjoni migjuba ’l quddiem mir-rikorrent huma t-tnejn bla bazi:

Dwar l-ewwel raguni, ossija l-esibizzjoni tal-pjanta Dokument RR1 jigi rilevata li r-rikorrent kellu l-mezzi kollha biex jesibixxi dik il-pjanta fil-pendenza tal-provi fil-prim’istanza jew almenu fl-appell u naqas li jaghmel dan. Inoltre huwa sinjifikattiv li r-rikorrent jesibixxi biss il-pjanta minghajr ma jesebixxi l-kuntratt ma’ liema kienet annessa u ghalhekk mill-pjanta wahedha wiehed ma jista’ jilhaq l-ebda konkluzjoni kwalsiasi. Huwa evidenti li l-pjanta wahedha lanqas taghmel prova li l-art in kwistjoni kienet b’xi mod tappartjeni lil Giuseppe Balzan, wisq inqas li ma kenitx tappartjeni lil Carmela sive Carrie Micallef. L-argumentazzjoni tar-rikorrent hija priva minn kull sens jew konnessjoni logika u ma twassalx bl-ebda mod ghall-prova li jrid jaghmel biha r-rikorrent. Huwa ferm sinjifikattiv li fir-rikors ghar-ritrattazzjoni nnfisu ma huwa bl-ebda mod spjegat ma’ liema kuntratt l-istess pjanta kienet tinsab annessa jew ta’ liema att l-istess kienet tifforma parti. Mehuda barra minn kull kuntest tali pjanta hija kompletament insinjifikanti, jekk mhux addirittura sgwidanti.

Dwar it-tieni raguni ghar-ritrattazzjoni din hija l-istess sottomissjoni identika li r-rikorrent ghamel quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili, u quddiem din l-Onorabbli Qorti, anke permezz ta’ nota li huwa, r-rikorrent, ipprova jipprezenta wara li l-istess appell kien thalla ghas-sentenza u li giet sfilzata minn din l-Onorabbli Qorti. Dan l-argument gie ampjament trattat u korrettement deciz mill-Qorti u ma hemm l-ebda raguni ghaliex dan l-argument ghandu jigi rinvangat mill-gdid. Jigi inoltre

sottomess li l-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Qorti fuq dan il-punt kienet korretta.

Ghalhekk huw evidenti li ma hemm l-ebda lok ghar-ritrattazzjoni tal-kawza."

Rat l-atti kollha tal-kawża fl-ismijiet premessi maqtugħa minn din il-Qorti fil-25 ta' Frar, 2005;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar it-talba tal-appellant Alfred Manġion biex il-kawża terġa' tistema' mill-ġdid;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Marzu, 2006, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża li fil-bidu tagħha bdiet minn talba magħmula mill-attriċi intimata f'din il-procedura biex l-imħarrek rikorrent f'din il-procedura jinħareġ minn għalqa magħrufa bħala "Tal-Bajjada" jew "Tal-Wied", fil-Fgura, limiti ta' Ħal Tarxien, li l-attriċi tgħid li hija, fil-biċċa l-kbira, tagħha u li l-istess rikorrent f'din il-procedura qed iżomm bla jedd u titolu. Hija fetħet il-kawża fuq dak li tgħid sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta' Frar, 1990[1], fejn l-istess attriċi kienet talbet il-bejgħ tal-istess għalqa b'liċitazzjoni. Meta l-għalqa kienet waslet biex tinbiegħ fl-irkant tal-Qorti, fi Frar tal-1992, l-imħarrek rikorrent f'din il-procedura fetaħ kawża[2] kontra kull min kien parti fl-ewwel kawża (magħduda magħhom l-attriċi intimata f'din il-procedura) biex jitlob li jiġi dikjarat bħala sid waħdien tal-imsemmija għalqa u biex jitwaqqaf il-bejgħ *"subhasta"* tagħha. Imbagħad, fl-1993, fetaħ ukoll kawża oħra kontra l-intimata f'din il-procedura Micallef[3], li fiha talab illi l-attrici intimata f'din il-procedura tigi dikjarata li kkommettiet spoll bi hsara tieghu fl-istess proprjeta`;

[1] Fil-Kawża fl-ismijiet ***Carmela sive Carrie Micallef vs Francesca Farruġia et*** (Ċitazz. Nru.1309/77AM)
[2] Fl-ismijiet ***Alfred Manġion vs Carmela sive Carrie Micallef et*** (Ċitazz. Nru. 166/92AD)
[3] Ċitazz. Nru. 272/93GV maqtugħa mill-Prim'Awla fl-14 ta' Diċembru, 2001, u konfermata fl-appell fil-25 ta' Frar, 2005

Illi b'sentenza mogħtija fl-14 ta' Diċembru, 2001[4], il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet tal-attriċi Carrie Micallef, iddikjarat li hija komproprjetarja tal-imsemmija għalqa, u li l-imħarrek kien qiegħed iżommha bla jedd u titolu u ordnatlu li joħroġ mill-għalqa fi żmien xahar;

Illi din il-Qorti, bis-sentenza tagħha tal-25 ta' Frar, 2005[5], li tagħha qiegħed jintalab is-smigħ mill-ġdid, ċaħdet l-appell tal-imħarrek rikorrent f'din il-procedura Manġion;

Illi, fir-rikors tiegħu, ir-rikorrent f'din il-procedura jitlob it-tħassir tal-imsemmija sentenza u s-smigħ mill-ġdid tal-appell għal żewġ raġunijiet. L-ewwel raġuni hija s-sejba ta' dokument deċiżiv li ma jifformax parti mill-provi mressqin sa issa fl-atti tal-kawża u li jingħad li juri li l-art li fuqha titkellem il-kawża m'hijiex, fil-fatt, ta' l-intimata f'din il-procedura Micallef. It-tieni hija li s-sentenza hija milquta minn żball li jidher mill-atti, billi tindika li kien hu (u mhux ir-ritrattata) li kien indika l-kuntratt tal-1936;

Illi, kif inhu aċċettat mingħajr kwestjoni, s-smigħ mill-ġdid ta' kawża li tkun inqatgħet u saret ġudikat huwa rimedju straordinarju u eċċezzjonali li l-liġi tagħti lil xi parti f'dik il-kawża biss fiċ-ċirkostanzi speċifiċi u espressi maħsuba fl-artikolu 811 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. L-imsemmija ċirkostanzi għandhom jitfissru b'mod ristrett u mingħajr tiġbid jew b'xebh b'analoġija ma' ċirkostanzi oħra[6];

Illi l-proċess tas-smigħ u t-trattazzjoni mill-ġdid ta' kawża deċiża għalhekk, fih żewġ fażijiet: l-ewwel it-tiftix tar-raġuni li tista' twassal għat-tħassir tas-sentenza mogħtija (*in rescindendo*); imbagħad, jekk din ir-raġuni tinstab, is-smigħ mill-ġdid tal-kawża fl-istadju li tkun waslet fih meta ngħatat is-sentenza li tkun twaqqgħet (*in rescindendo*)[7]. Ghalhekk, sakemm ikun għadu għaddej l-istħarriġ *in*

---

[4] Paġġ. 244 sa 253 tal--proċess
[5] Paġġ. 278 sa 283 tal-proċess
[6] App. Inf. **12.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mildred Ferrando vs Loris Bianchi pro et noe***
[7] Kumm. **16.12.1915** fil-kawża fl-ismijiet ***Harrison noe vs Żammit noe*** (Kollez. Vol: **XXII.iii.235**)

*rescindente*, il-Qorti ma tidħolx mill-ġdid fl-eżami fil-mertu tal-każ jew f'konsiderazzjoni dwar jekk taqbilx jew le mal-mod kif il-Qorti, fis-sentenza li qegħda tintalab li titwaqqa', tkun waslet għall-fehmiet tagħha;

Illi **dwar il-kawżali li, wara li ngħatat is-sentenza, nstab dokument deċiżiv** (Art. 811(k)), għandu jingħad li l-liġi tqiegħed xi kundizzjonijiet qabel ma ċirkostanza bħal din tista' twassal biex isir is-smigħ mill-ġdid ta' kawża li tkun għaddiet f'ġudikat. Il-liġi titkellem dwar dokument deċiżiv. Dan ifisser li mhux kull dokument li parti tista' tiskopri wara s-sentenza huwa biżżejjed biex iwassal għas-smigħ mill-ġdid tal-kawża. Irid ikun dokument "deċiżiv", jiġifieri dokument li s-saħħa tiegħu bħala prova tkun determinanti fuq il-qofol tal-kwestjoni li s-sentenza impunjata tkun stħarrġet. Imma mhux meħtieġ li dak id-dokument ikun ta' siwi konklussiv għall-kwestjoni[8]. Ifisser ukoll li d-dokument irid ikun tali li jista' bil-liġi jitressaq bħala prova. Meta mbagħad id-dokument ikun jikkonsisti f'att nutarili pubbliku, it-tendenza hija li l-eżistenza tiegħu hija mistennija li tkun magħrufa minn kulħadd u għalhekk huwa diffiċli biex dokument bħal dan ikun raġuni li twassal biex sentenza titwaqqa'[9] ;

Illi minbarra dan kollu, l-liġi trid li l-parti li ssib dokument bħal dan ma kinitx taf bih sa qabel ma ngħatat is-sentenza li hija trid twaqqa', jew, għalkemm setgħet tkun taf dwaru, ma setgħetx, bil-mezzi li tagħtiha l-liġi, tressqu fil-kawża qabel ma tkun laħqet ingħatat is-sentenza . F'każ bħal dan, il-liġi bħal donnha trid tagħmilha ċara li r-rikorrent f'din il-procedura jkun irid juri li għamel kulma seta' fil-ħila tiegħu u fiż-żmien xieraq biex jew isib dak id-dokument jew li jressqu fl-atti. Dan jimplika mill-anqas l-użu ta' għaqal ta' missier tajjeb tal-familja fit-tmexxija ta' ħwejġu[10]. Dan il-grad ta' għaqal meħtieġ ma jħallix lil dik il-parti li l-ewwel titgħażżen jew tixxaħħaħ milli tagħmel ħilitha biex tressaq il-provi kollha tagħha, u mbagħad,

[8] App. Ċiv. **5.4.1937** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Cuschieri*** (Kollez. Vol: **XXIX.i.1468**)
[9] App. Kumm. **24.1.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Busuttil vs Gauċi et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.188**)
[10] App. Ċiv. **28.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Vassallo vs Chetcuti et*** (Kollez.Vol: **LXXXI.ii.417**)

wara li l-kawża tkun inqatgħet, tibda tħabrek biex issib il-prova eluživa li kienet teħtieġ[11]. Għalhekk ukoll, iċ-ċirkostanzi tas-sejba ta’ dokument li l-parti ritrattanda tgħid li sabet wara l-għoti tas-sentenza għandhom ikunu mistħarrġa qabel ma titwaqqa’ dik is-sentenza;

Illi lanqas jgħodd li l-parti tkun insiet l-eżistenza tal-imsemmi dokument, għaliex dan ikun ifisser li, fil-fatt, f’xi żmien qabel l-għoti tas-sentenza, kienet tkun diġa’ taf bih;

Illi fil-każ li ghandna quddiemna llum, il-konvenut rikorrent f’din il-procedura jgħid li l-imsemmi dokument jikkonsisti fi pjanta li tinsab mehmuża ma’ kuntratt nutarili. Iżid jgħid li seħħlu jirrintraċċaha wara li kienet ingħatat is-sentenza fi grad tal-appell. U jgħid li minnha “tirriżulta indikazzjoni” li l-għalqa mhix ta’ l-attriċi intimata f’din il-procedura imma ta’ xiħadd Balzan u oħrajn;

Illi jekk wieħed kellu japplika l-kriterji li għadhom kemm issemmew, wieħed isib minnufih li r-raġuni miġjuba mir-rikorrent f’din il-procedura mhux ta’ min joqgħod fuqha. Fl-ewwel lok, lanqas saret imqar tifsira żgħira ta’ kif kien li r-rikorrent ma seħħlux isib l-imsemmi dokument sa qabel ma ngħatat is-sentenza fil-grad tal-appell. L-għaref difensur tiegħu, fit-trattazzjoni, jillimita ruħu biex jgħid li r-rikorrent kien ilu jfittex sa minn żmien is-smigħ tal-kawża. Ma fisser bl-ebda mod kif, dak li ma seħħlux jagħmel fi tnax-il sena, wasal biex wettqu fi ftit aktar minn xahrejn. Fit-tieni lok, jekk wieħed jara sewwa l-imsemmi dokument, ma jsibx prova li l-art hemm murija hija fil-fatt l-għalqa mertu tal-każ. Jidher li dak id-dokument jagħmel parti minn att pubbliku nutarili, imma r-rikorrent la jsemmih u lanqas biss jgħid min kienu l-partijiet jew imqar x’kien l-oġġett tal-kuntratt.

Fi kliem ieħor, jekk it-talba għas-smigħ mill-ġdid tal-kawża tiddependi tassew mid-dokument kif esebit, tonqos għal

[11] App. Ċiv. **11.5.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Darmanin noe et vs Cordina et*** (Kollez. Vol: **XXIX.i.645**)

kollox il-prova li kien dokument "deċiżiv" li minnu l-kwestjoni kif maqtugħa setgħet tinqata' mod ieħor. Fir-raba' lok, ir-rikorrent jidher li jrid jgħid li d-dokument waħdu ma jagħmilx aktar milli jagħti "indikazzjoni", u li l-kontenut tiegħu jista' jitfisser "bi provi ulterjuri". Dan ukoll jikser id-dispożizzjoni tal-liġi applikabbli, għaliex id-dokument deċiżiv li dwaru titkellem il-liġi jeħtieġ li jkun prova tajba fih innifsu, u mhux lixka li biha trid tistad għal provi oħrajn biex tiġġustifikah. Fil-ħames lok, jekk id-dokument jagħmel parti minn att pubbliku, tqum il-preżunzjoni li r-rikorrent messu kien jaf bih fi żmien xieraq;

Illi minħabba dawn ir-raġunijiet ewlenin, il-Qorti ma ssibx li għandha tilqa' t-talba għas-smigħ mill-ġdid tal-kawża fuq din il-kawżali;

Illi **dwar il-kawżali li s-sentenza kienet milquta minn żball li jidher mill-atti** (Art. 811(l)), huwa meħtieġ li wieħed iqis sewwa x'inhu dak li tgħid il-liġi sabiex tali kawżali titqies mistħoqqa. Il-liġi titkellem b'mod ċar dwar liema sura ta' żball irid ikun biex iwassal li sentenza tiġi mħassra. Tali żball irid ikun jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża u dan biss fil-każ li d-deċiżjoni tkun imsejsa fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tiegħu tkun eskluża għal kollox jew fuq is-suppożizzjoni li l-fatt ma jeżistix. F'kull każ, il-fatt ma jridx ikun punt kontestat li jkun ġie deċiż bis-sentenza. Għal dan il-għan, l-iżball ta' fatt li jagħti lok għar-ritrattazzjoni jrid ikun wieħed materjali, manifest u jirriżulta mill-atti nfushom, għaliex mhux imħolli li jitressqu provi biex jippruvaw tali żball[12]. Minbarra dan, l-iżball ma jridx ikun relattiv għall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun ġie jew seta' ġie mifhum mill-ġudikant li ta s-sentenza li qiegħed jintalab it-tħassir tagħha, għaliex dan m'huwiex żball li joħroġ mill-atti imma fis-sewwa konvinċiment insindakabbli tal-ġudikant[13];

[12] App Ċiv. **22.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***John Żammit vs Michael Żammit Tabona et***
[13] P.A. GV **30.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Rota noe vs Mary Camilleri et***

Illi, b'żieda ma' dan, l-iżball li jwassal għat-tħassir ta' sentenza u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża irid ikun iddetermina d-deċiżjoni tal-ġudikant fis-sens li kien l-fondament ewlieni tas-sentenza. B'dan il-mod, ingħad li ma hemmx lok għat-tħassir tas-sentenza jekk kemm-il darba din, għalkemm vizzjata minn żball ta' fatt manifest, tkun tista' tiġi mod ieħor imwieżna b'raġunijiet oħrajn indipendenti minn tali żball[14]. Fuq kollox, ma titħalliex issir ritrattazzjoni fejn il-fatt żbaljat ikun punt li ġie ikkontestat u deċiż fis-sentenza attakkata[15];

Illi fil-każ li għandna quddiemna, r-rikorrent jgħid li l-imsemmi żball joħroġ ċar minn qari kemm tas-sentenza tal-ewwel grad u kif ukoll dik tal-grad tal-appell, li juru li huma ibbażati fuq il-premessa li l-kuntratt tal-1936 (li ma jinsabx fl-atti ta' din il-kawża, imma f'dawk tal-kawża numru 272/93GV) semmih hu stess, mentri fis-sewwa kienet semmietu l-attriċi intimata f'din il-procedura. Il-Qorti ma ssibx li dan l-ilment jistħoqqlu jintlaqa'. L-ewwelnett, il-kwestjoni tal-kuntratt tal-1936 u min allegatament straħ fuq il-kontenut tiegħu kienet – kemm fis-sentenza tal-ewwel grad u kif ukoll dik fil-grad tal-appell – meqjusa bħala preliminari u marġinali għall-kwestjoni fil-qalba tal-mertu. Jiġifieri, jekk ittieħed qies tal-imsemmi kuntratt, dan sar indipendentement minn min ressqu: l-eżami li sar kien l-aktar tal-pjanta mehmuża miegħu u dan biex tiġi identifikata aħjar l-għalqa li għaliha tirreferi l-kawża. Minn imkien ma jidher li ngħata xi piż għas-siwi tal-prova ta' dak il-kuntratt b'riferenza għal min suppost esebih. Fit-tieni lok, mill-istess sentenzi jidher ċar li l-Qorti, f'kull każ, qieset u irriferiet ukoll għall-provi l-oħrajn li tressqu u li, fuq is-saħħa tagħhom, waslet għall-konvinċimenti tagħha. Dan l-eżerċizzju sar ukoll mill-Qorti fil-grad tal-appell. Fit-tielet lok, jekk il-kuntratt li għalih jirreferi r-rikorrent lanqas biss m'huwa fl-atti ta' din il-kawża, wieħed isibha diffiċli biex jifhem kif, allura, l-iżball minnu allegat jista' qatt jingħad li joħroġ mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża;

[14] App. Ċiv. **18.6.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Żahra*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.323**)
[15] App. Ċiv. **6.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***M'Louise Muscat Inglott et vs Louis Manduca***

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li lanqas taħt din il-kawżali ma hemm lok li s-sentenza titħassar u li l-kawża tinstema' mill-ġdid;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------